**<u>Tribunal Industrjali</u>**

Decizjoni Numru: 2597

**<u>Kaz Numru: 3242/14/AM</u>**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Emanuel Xuereb (ID No: 318564M)

vs

San Remo Restaurant Limited (C3973)

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Nhar il-Gimgha 3 ta' Mejju, 2019**

**<u>Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M.(lond)., Dip.Tax (MIT)</u>**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Emanuel Xuereb li permezz tieghu qed jitlob (a) dikjarazzjoni li s-socjeta' ntimata tterminat l-impjieg tieghu minghajr raguni valida u gusta skond il-ligi; tillikwida l-kumpens dovut lilu mis-socjeta' ntimata bhala kumpens ghat-terminazzjoni ngusta tal-impjieg tieghu (c) tikkundanna lis-socjeta' ntimata biex thallas lir-rikorrent dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' kumpens.

Ir-rikorrent jghid li fil-5 ta' Mejju, 2014, l-impjieg tieghu gie terminat habta u sabta meta huwa gie 'dismissed on disciplinary grounds'; li huwa dejjem qeda dmiru tajjeb u fedelment u hadem dejjem bis-shih u habbrek kemm felah ghall-beneficcju tal-employer tieghu u qatt ma nghata ebda warnings jew ittiehdu xi passi dixxiplinarji kontra tieghu; li l-impjeg tieghu gie terminat minghajr ebda raguni valida fil-ligi; li minhabba li huwa tilef kull fiducja fid-dirigenti tas-socjeta' ntimata minhabba fil-mod kif huwa gie trattat u mkecci mix-xoghol u minhabba li jibqa' li f'kaz li jerga' jinghata l-impjieg tieghu mill-gdid huwa jsofri l-istess trattament huwa mhux ser jkun qed jitlob reinstatement izda l-hlas ta' kumpens ghat-tkeccija ngusta.

Ra r-risposta tas-socjeta' San Remo Restaurant Limited li permezz taghha eccepew li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Li Xuereb kien ilu snin twal impjegat maghhom u l-impjieg tieghu gie terminat fil-5 ta' Mejju, 2014;

Li kellu diversi warnings, l-attitudni tieghu kienet hazina u abbusiva repetutament kemm mall-klijenti kif ukoll mall-impjegati l-ohra kif ukoll mad-Diretturi tas-socjeta' ntimata u mall-haddiema tad-dipartiment tal-gvern li jaghmlu tindif fuq il-bajja; tfixkil matul ix-

xoghol u jkellem b'lingwagg pastaz lill-klijenti u haddiema ohra u Diretturi tal-kumpanija; li xogholu kien li jigbor il-flus mill-klijenti ghad-deckchairs u umbrellel izda ma kienx jghaddihom kollha lill-kumpanija u kien discounts lill-klijenti tal-gurnata u jzommhom ghalih; meta ordnat jahdem erbghin siegha huwa kien jinsisti li jahdem izjed u jtellef lil haddiehor biex dawn jiddejqu u jkollu jahdem hu biex ma jhalli lil hadd jiehu l-flus hliefu specjalment dawk li kienu jigu ghal ftit sieghat wara nofsinhar; li l-impjegati l-ohra kienu mdejjqin jigu ghax-xoghol ghax hadd ma kien komdu jahdem mieghu u kien jiggieled maghhom; li l-kumpanija rceviet diversi lmenti dwar l-attitudni negattiva tieghu; li sahansitra hedded u kien pastaz mad-Diretturi tal-kumpanija f'konfront dirett maghhom; li meta kienu jipprovdulu uniformi gdida hu kien jisfida u jilbes l-antika li kienet mqatta' u kien jaghti dehra traskurata.

Ra l-affidavit ta' Nicola Jayne Cini, Managing Director tas-socjeta' ntimata li permezz tieghu kkonfermat li r-rikorrent gie mkecci wara li kellu diversi warnings ta' self, kien aggressiv kemm fizikament u verbalment lejn l-klijenti taghhom u l-istaff u l-impjegati tal-gvern. Li huwa kien imur ghax-xoghol b'uniformi qadima, kpiepel imqattghin u shorts qodma. Hija gibditli l-attenzjoni diversi drabi izda huwa kien dejjem jichad li jgib ruhu b'dan il-mod. Ghal aktar minn hames okkazzjonijiet din is-sena (2014) huwa ma kienx jghodd il-cash quddiemha izda jmur fil-garage tal-kumpanijiet u jghoddhom hemm. Izda huwa kien jichad li kien jghodd il-cash li jdahhal mis-sun beds qabel ma jghaddi l-pouch u l-flus. Huwa kien juza formula li mhix awtorizzata mill-kumpanija biex jimmarka kemm intuzaw sunbeds. Hija kemm-il darba ordnatlu biex jieqaf juza din l-fomola stante li l-kiri tas-sun beds kien kontrollat mill-cash desk. Dakinhar li gie mkecci hija ordnatlu jaghti lura l-form li kien qed juza ghall-kiri tas-sun beds izda ghall-bidu rrifjuta u meta qaltlu li l-formola hija proprjeta tal-kumpanija huwa tahielha u meta qaltlu li huwa mkecci huwa qallha li ghad jiddispjaciha.

Huwa kien infurmah li kellu struzzjonijiet mill-avukat u t-tabib tieghu li jekk huma jwaqqfuh milli jahdem sebat ijiem fil-gimgha dan ikun ta' detriment ghal sahtu jekk jieqaf ghal gurnata wahda u jekk ma jahdimx sebat ijiem fil-gimgha hija tisma' minghand l-avukat tieghu. Huwa hedded li jekk ma jahdimx sebat ijiem fil-gimgha huwa jara kif jaghmel u kull impjegat part-time li jidhol ma jaghmilx hafna hemm.

Gara wkoll li certu Cauchi Foreman ghan-nom tal-impjegati tal-Gvern kkuntattja lil Mario Cini u talbuh biex lir-rikorrent izommuh il-boghod mill-impjegati tal-Gvern minhabba li kien aggressiv u abbuziv lejhom. Izda meta kellmu lir-rikorrent huwa cahad dan u hija taghtu ordni biex ma jersaqx lejhom. Kellu wkoll tlett argumenti mall-klijenti taghhom li kellu jinzamm fizikament izda kull darba kien jaghti l-htija lill-klijenti jew li kien stressjat minhabba problemi personali.

Is-sena l-ohra hija qaltlu biex ma jibqghax jibghat lill-klijenti taghhom jixtru l-ikel minghand il-kjosk ta' hdejhom meta huma jipprovdu l-ikel lill-klijenti u huwa qallha li hu jibghathom fejn irid. Fix-Xitwa huwa kien jirrifjuta li jahdem mall-impjegati l-ohra; s-sena l-ohra ircevew telefonata mill-Mellieha Holiday Centre jinfurmahom li Xuereb kien pastaz u agressiv fil-konfront ta' zewg klijenti taghhom izda huwa cahad dan.

Huwa kellu struzzjonijiet kif irid jarma s-sun beds minghand Mario Cini u Charles Saliba izda kuljum Xuereb kien jinjora dawn l-istruzzjonijiet u kien jinsulentahom kontinwament tant li kemm Cini u Saliba baqghu mistaghgba b'dan l-atteggjament xejn rispettuz ta' Xuereb. Izda meta hija kienet tikkonfronta lil Xuereb b'dan huwa dejjem kien jichad.

Cini tghid li dakinhar hija kecciet lil Xuereb ghax quddiemha beda jidghi, jghajjat u kien agressiv quddiem il-klijenti taghhom lejn id-Direttur u l-Operations Manager u ghaliex hija kienet impjegat General Helper b'salarju gholha minn tieghu izda mhux fl-istess grad.

Mario Cini, Charles Saliba, Victoria Saliba, David Diacono , John Tabone, fl-affidavits taghhom jikkoroboraw dak li xehdet dwaru Nicola Jayne Cini.

In kontro-ezami (seduta 13.2.2015) Mario Cini xehed li huwa kien jahdem bhala beach master mas-socjeta ntimata u kien jiehu hsieb is-sun beds u jigbor il-flus tas-sun beds. Huwa xehed li hu l-owner. Lil Xuereb ilu jafu hamsa u tletin sena. Huwa kkonferma li kien hemm diversi ncidenti li kellu Xuereb mall-istaff, agressiv, jitkellem hazin jidghi. Jaf li Xuereb inghata diversi warnings izda ma kienx jaf jghid kemm-il wiehed. Ghalih kienet stramba li kien jghaddi lil Xuereb pakket tickets u jmur lura jghodd il-flus kollha wahdu u jaghtihom ezatt cent to cent. U din ghalih kienet haga stramba hafna ghax meta ppruvawha huma ma kienux jigbru l-ammont ezatt.

Fl-affidavit taghha Margaret Rose Frendo Direttur tas-socjeta' ntimata dokument li juri li Xuereb kien gie akkuzat li kiser il-paci pubblika u ghamel feriti fuq impjegat tal-kumpanija Eddie Vella u kien ghamel obligazzjoni. Dan gara fl-4 t'Ottubru, 1996. Hija pprezentat l-ittra tal-5 ta' Gunju, 1995, li permezz taghha l-kumpanija nfurmat lir-rikorrent li qed titterminalu l-impjieg tieghu u r-ragunijiet li wasluha ghal din id-decizjoni. Izda fl-affidavit ulterjuri taghha tat-12 ta' Frar, 2015, hija tghid li Xuereb kien meqjuz bhala habib tal-familja u hu kellu t-tajjeb tieghu ukoll u kien habrieki ghax-xohgol. Ix-xoghol kien ta' strapazz u jirrikjedi fis-sieghat twal tax-xemx fuq ramla fuq tqeghid u thaffir ta' umbrellel garr u bejgh ta' deckchairs.

Mario Cini (seduta 13.2.2015) xehed li Direttur tal-kumpanija u Emanuel Xuereb kienu jiehu hsieb is-sun beds u jigbor il-flus tas-sun beds u li fis-sena Xuereb kellu hafna ncidenti fosthom incidenti mall-istaff, mall-organizzazzjoni kieku jahdmu, jitkellem hazin jidghi, joffendi anke lilu b'familtu kollha, u dan mall-istaff kollu mhux mieghu biss. Huwa xehed li kienu jaghtuh warning u mitlub jghid xi tfisser il-kelma warning huwa spjega li tiffiser li ma jaghmilx l-istess. Huwa jghid li Xuereb kien jircevi mal-ghaxar warnings f'sena ghalkemm dawn ma kienux ikunu bil-miktub. Il-problema kienet li huwa kien jaghtih pakkett ta' tickets kemm jigbor u jigi lura bl-ammont ezatt tal-valur tal-pakketti li jkun gabar. Ghalih din kienet haga stramba ghax ma jistghax ikun li jkun gabar ezatt flus u dan ghaliex jarma aktar sun beds milli suppost u ghalhekk kien jaqla' aktar flus u mhux l-ewwel darba li huwa cioe x-xhud kellu jitla' l-Qorti minhabba li jkunu sabu aktar sun beds milli ghandu fil-licenzja. Huwa jghid li mindu telaq Xuereb l-affarijiet marru ghall-ahjar, flus jingabru kollu, staff friendly mall-klijenti u complaints naqsu mill-klijenti, staff jilbes kif suppost u kollox ghaddej tajjeb.

Alan Saliba (seduta 5 ta' Gunju 2015) xehed li huwa jahdem wara l-bar u li anke mieghu Xuereb kien jargumenta fosthom meta ma ttimbrax il-biljetti tas-sun beds. Xehed li Xuereb jidghi quddiem in-nies. Incident iehor fuq sun bed imkissra meta Xuereb qabad jghajjat ma' Mario Cini l-imghallem u jkellmu hazin u din ma kienetx l-ewwel darba li semghu jitkellem b'mod arroganti u pastaz.

David Diacono (seduta 5.6.2015) xehed li lil Xuereb ilu jafu xi hames snin u l-haddiema li jahdmu mieghu kienu jiddejqu ghax l-bajja riedha spick and span u huma ma setghux jaghmlu dan. Diacono xehed li huwa mpjegat mall-Gvern u li huma kien ikollhom hafna bajjiet xi jnadfu mhux hemm biss. Xehed li Xuereb kien jghidilhom li l-imghallem tieghu missu jirrapurtahom ghax ma kienu qed jaghmlu xejn, kien jghajjat maghhom u s-Supervisor kien jghidilhom biex ma jaghtux kasu.

Luke Cini (seduta 5.6.2015) xehed li huwa kien ghamel zmien jahdem mas-socjeta' San Remo u lil Xuereb dejjem jafu hemmhekk. Huwa jghid li l-uniformi huwa ma kienx jilbisha kollha ghax kien jilbes x-shorts biss u l-kappell u hadd mill-kumpanija ma gibidlu l-attenzjoni dwar dan. Huwa qatt ma kien prezenti ghal xi argumenti li kellu Xuereb mall-klijenti izda mall-imghallem iva liema argumenti kienu l-aktar ghax Xuereb kien jarma aktar sun beds milli kien jghidlu l-imghallem u mhux dejjem kienet tghaddi tal-imghallem. Mistoqsi dwar incident ma' klijent partikolari li kien jikri xi ghaxar sun beds, Cini spjega li gara li Xuereb beda jghid li dan l-klijent ma halsux u huwa pprova jikkalma s-sitwazzjoni.

John Tabone (seduta 5..2015) xehed li huwa Acting Supervisor u kien jiehu hsieb l-Ghadira bhala tindif u lil Xuereb ilu jafu erba' snin u kien jindahal fix-xoghol mall-haddiema taghhom ghax kien jippretendi li l-bajja fejn tarma s-socjeta' San Remo tkun nadifa.

Charles Saliba (seduta 11.12.2015) xehed li huwa kien jircievi complaints minghand in-nies fejn Xuereb kien jargumenta maghhom fosthom ghax klijenta bit-tfal tellghathom fuq l-cushions u veru li kienu hamguhom naqra bir-ramel izda fuq il-beach qeghdin u Xuereb hatafha hatfa sew. Dan jafu ghax kien prezenti u din l-klijenta marret tghidlu u nzertat taf lil Mario Cini r-ragel ta' Nicola Cini. Huwa xehed li fuq Xuereb kien jircevi diversi lmenti izda kemm ezatt ma jiftakarax. Dwar il-flus huwa spjega li mpossibbli li taqbel mat-tickets li kien johrog u huwa suppost li jaghti l-pouch bil-flus u mhux jghoddhom u mbaghad jaghti l-flus ezatt skond it-tickets li jkun biegh. Dwar l-uniformi huwa spjega li Xuereb kien jilbes flokk tas-suf minn taht minhabba x-xemx u jaf li Luke Cini ma kienx jilbes l-uniformi kollha u li gieli kien mar ix-xoghol bis-sakra dan Cini. Huwa spjega li kienu wissew lil Xuereb diversi drabi ghalkemm mhux bil-miktub l-aktar ghax kien qed ikollhom diversi lmenti kontra tieghu minghand il-klijenti. Huwa kien jaghmel ta' rasu bhal meta jarma aktar deckchairs milli suppost u erhilha xebgha dagha jekk tmur twissih.

Marvic Saliba (seduta 11 ta' Dicembru 2015) xehdet li lil Xuereb kienet tarah bil-flok minn taht abjad li kien ikun imqatta' u t-T shirt blue tal-uniformi li kien ikollu iffejdjat ghalkemm hija kienet taghtih sitta kuljum biex ikollu biex ibiddel izda l-flokk li kien jilbes kien ikun iffejdjat u kienu jghidilha ghax ma lahaqx hasilhom. Gieli jkun zaqqu barra meta jkun qed jarma waqt li qed jigbru l-flus kullhadd ikun bl-unifromi. Mistoqsija qatt ratx b'zaqqu barra lil Luke Cini hija wiegbet li dan ikun meta jkun qed izarma u ghalihom din ma

taffetwahomx. Mistoqsija jekk l-kwistjoni ma' Xuereb bdietx meta dahal impjegat iehor Taljan li jaghmel l-istess xoghol tieghu u kellu paga aktar minnu x-xhud wiegbet li t-Taljan ma kellux l-istess xoghol ghax kien ha jghin fid-ghajjes ukoll u kellu kwalifiki bhal Skipper u ma kienx biss fuq sun beds. Huwa kien jahdem fuq l-bajja, igorr is-sunbeds bhal Xuereb. Hija tiftakar li kien hemm argument bejn it-Taljan u Xuereb u Xuereb beda jghajjat u jgholli jdejh li l-kwistjoni ma kienetx ser tieqaf hawn u li kienu ser jisimghu minghand l-avukat tieghu. Din mhux l-ewwel darba li Xuereb jghajjat b'mod vjolenti anke gieli jidhol fil-hanut ikollu xi jghid ma' xi hadd u jibda jghajjat u ma jimpurtahx jekk ikollhomx in-nies fil-hanut anke jidghi gieli semghetu. U dakinhar meta kien fl-ufficcju ma' Nicola Cini semghet l-ghajjat. Dwar written warnings Saliba spjega li Nicola ppruvat taghti written warnings izda Xuereb kien jghidilha li ma jafx jikteb u jaqra u Nicola qaltilha li ma riedx jiffirmaha.

Nicola Jane Cini (seduta 28 ta' Ottubru 2016) xehdet bil-lingwa Ingliza peress li ma tafx bil-Malti. Hija ilha ghaxar snin bhala Managing Director. Hija kkonfermat li Xuereb inghata diversi warnings izda huwa ma kienx jiffirmahom. Hija tghid li kellu aktar minn ghaxar warnings f'dawn l-ahhar ghaxar snin. Hija kopja ta' dawn il-warnings bil-miktub ma zammitx. Hija tghid li anke jekk Luke ma kienx jilbes l-uniformi kollha kienet taghtih warning kif tat lil Xuereb. Hija fakkret li f'diversi okkazjonijiet lil Xuereb kien gie ordnat biex ma jghoddx il-cash fil-garage izda biex jaghti l-pouch bil-flus mall-ewwel izda Xuereb ma kienx jaghmel dan. Huwa kien iwarrab it-tips li jkun qala u mbaghad jaghti ezatt flus daqs kemm biegh tickets. Hija kkonfermat li l-haddiema tal-Gvern kienu jhossuhom medda minnu. Hija kkonfermat li kienu hadulu c-cwievet lil Xuereb u li veru li Xuereb kien ilmenta dwar dan it-taljan li mpjegaw kien izda mhux li qed jircevi salarju aktar minnu izda li kien qed jiehu hsieb is-sun beds u spjega li dan it-taljan Gianluca ma kienx qed jaghmel l-istess xoghol ta' Xuereb ghax kien isuq id-dghajjes u kien diver kwalifikat. Xuereb tghid li kien abuziv fil-konfront tad-Director tal-Operations Mr. Xuereb u lejn id-direttur Mario Cini li huwa zewgha. Hija spjegat li kellhom jintroducu sistema biex jikkontrollaw is-serq u dak li kien jghodd Xuereb fil-garage qabel ma jirrotorna l-pouch.

Ir-rikorrent Emanuel Xuereb (seduta 27.2.2017) xehed li huwa kien ilu mpjegat ma' San Remo ghaxar (10) snin. Qabel kien impjegat ma' l-owners ta' qabel cioe xi ghoxrin sena b'kollox ilu jahdem ma' San Remo. Dwar l-uniformi huwa spjega li minhabba x-xemx kien jilbes flokk ta' taht tax-xitwa li n-nies kienu jidhku u minflok beritta kien jilbes kappell tat-tibna. Jghid li hadd qatt ma sab oggezzjoni ghal dan u li huwa kien l-uniku wiehed li jzomm l-uniformi. Huwa jghid li Luke ma kienx jilbes uniformi. Dwar il-flus huwa jghid li kellu karta bin-numru ta' sun beds u ta' dawk li kienu jinghataw free. Huwa kien jimmarka min ikun hallsu u dawk li jinghataw free. Huwa jghid li hadd mis-sidien qatt ma qallu xejn dwar dan. Dwar is-sistema tal-fifty (50) tickets huwa spjega li fis-sena 2012 kienet avvicinatu Nicky u qaltlu li l-pouch ser izommuh darba hu u darba Luke u huwa qatt ma oggezzjona ghal dan jghid li skond hu Luke qatt ma ried responsabilita. Fis-sajf ta' wara nqalghu l-problemi ghax Luke ma riedx il-pouch. Huwa jghid li l-flus dejjem kien jigborhom hu ghax l-ohrajn fosthom is-Sur Cini kienu jiddejqu. Huwa ccara li qatt ma kellu warnings u qatt ma gie mitlub jiffirma xejn. Dwar l-incident mad-Danizi huwa spjega li Nicky Cini kienet infurmatu li zewg min-nies li kienu qeghdin id-Danish Complex irrappurtaw li huwa kien

kellimhom hazin u huwa nnega dan u qallha biex iggibhom quddiemu izda hija rrifjutat dan u kien f'dan il-mument li qallha li ser jiehu parir minghand l-avukata u hija avzatu li jekk jiftah halqu tkeccih dak il-hin stess.

Xuereb jghid li waqqfuh mix-xoghol fil-25 t'April, 2014, u fis-26 t'April mar jarma bhas-soltu u ghal xi t-tmienja jiefqu ghat-te' u lil Charles Saliba u lil Mario Cini qallhom li huwa ma kien kuntent xejn b'din is-sitwazzjoni u ried li l-paga tieghu tirranga u Saliba mar jaghmel ghat-talja ghax haseb li kien hu li tah l-informazzjoni dwar kemm qed jaqla' u Saliba qallu li ser tkellmu Nicky Cini u dakinhar ghajtitlu Nicky u skuzat ruhha ghal li gara u qallha li jekk mhux ser jirrangawlu l-paga ser ikollu jsib part-time job u hija oggezzjonat. Gara li t-Tnejn ghajtitlu fl-ufficcju u qaltlu biex jaghti c-cwievet u li huwa daqshekk hadem hemmhekk. Huwa qalli li ser jidhol l-Qorti. Telaq bil-kwiet u kien hemm Marvic barra l-ufficju u Charles Saliba bilqieghda isfel u huwa ma ghamel ebda reazzjoni. Huwa llum jahdem part-time.

Jigi rilevat li mill-employment history sheet esebita fl-atti jirrizulta li Xuereb jahdem part-time ma' Spinola Development Company Limited bhala Pool Maintenance Attendant u dan mis-6 ta' Gunju, 2014, u full-time labourer/packer ma' food Pro Malta Co Limited u dan mis-27 ta' Frar, 2017, filwaqt li fit-termination form l-intimat iddikjara bhala raguni tat-tmiem tal-impjieg 'dismissed on disciplinary grounds' b'effett mil-5 ta' Mejju, 2014, u li kien thallas disa' gimghat notice. (xehed rapprezentant ta' Jobsplus Joseph Saliba seduta 7 ta' April, 2017).

Sibby Xuereb (seduta 7 ta' April, 2017) xehdet li r-rikorrent Emanuel Xuereb jigi missierha u li kienet tmur tghinu fis-Sajf u fis-Sajf tas-sena 2009 hija ghamlet Sajf tahdem hemmhekk. Quddiemha fuq ix-xoghol qatt ma sar glied u r-relazzjoni kienet tajba. Missierha kien jilmeta bhal meta jsib biljetti bid-data skaduta u kien jigbed l-attenzjoni ghal dan. Kien hemm haddiema bla flokk u missierha kien jilmenta wkoll fosthom Luke Cini. Ilmenti mall-klijenti dwar missierha hija qatt ma rat.

In kontro-ezami Emanuel Xuereb ir-rikorrent (seduta 19 ta' Mejju, 2017) xehed li bil-permess tas-sidien kien jilbes il-kappell tat-tiben flok il-beritta u mistoqsi jekk kellux proceduri ohra qabel huwa wiegeb li dawk ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dan il-kaz u ried li jsemmi l-istorja kollha ta' dawk il-proceduri. Huwa jghid li kieku kellu ordni biex jilbes il-beritta ma kienx jilbisha ghax ried jipprotegi ruhhu mix-xemx qalila ta' Malta. Huwa jichad li kienu tawh kappell iehor ghax li kien jilbes kien wiehed antik. Huwa jghid li l-uniformi kien juzaha. Huwa jichad li fl-encroachment area kien hemm 80 sun bed u mhux 200. Huwa jichad li gie orndat biex ma jilbisx il-flokk ta' taht. Huwa jichad li dakinhar li spicca mix-xoghol lil Nicola ma riedx jaghtiha l-karti. Huwa jghid li l-ahhar sentejn ma kienx jghoddhom it-tickets li kien ibiegh u qabel kien imur fil-karozza biex jghoddhom u dan sar dejjem bil-permess taghhom. Huwa t-tips kien iwarrabhom mall-ewwel. Mistoqsi ghaliex ma kienx jaghti kollox u jistenna li l-management jaghtih t-tips lura huwa Xuereb wiegeb li dejjem hekk kien jaghmel. Huwa jichad li ma riedx li l-pouch izommu darba hu u darba Luke u ghamlu hekk ghal sena u s-sena ta' wara kien hemm kwistjonijiet shah ma' Luke ghax mhux bniedem ta' responsabilita. Huwa jichad li dan l-arrangament dam biss gimghatejn u baqa' jsostni li ghamlu sajf shih. Huwa jghid li fl-off day tieghu ghamel sitt

snin jidhol kuljum bil-permess taghha u fl-ahhar sena dahal minghajr interessi ta' xejn ghal gid tal-kumpanija u ghall-klijenti minhabba l-problemi ta' Luke. Huwa jichad li kien ikollu xi jghid man-nies.

Xehdu bil-gurament Christina Anne Daniell u John Daniell (seduta 13.10.2017) bil-lingwa Ingliza li Xuereb kien dejjem onest maghhom u huma kienu saru hbieb mieghu u mall-familja tieghu.

Fis-seduta tas-27 t'April, 2018 t-Tribunal ordna l-isfilz tal-affidvit ta' Audrey Waistell.

Sibby Xuereb (seduta 27.4.2018) xehdet li hija kellha l-kontrol assolut tal-pouch minn filghodu sa filghaxija u mbaghad is-sidien riedu jbiddlu s-sistema fl-ahhar snin u saret li hekk kif jinbieghu hamsin biljett hija taghtihom l-pouch u jaghtuha pouch iehor b'hamsa u ghoxrin zghar biex ikollha biex taghti l-bqija.

Ir-rikorrent Emanuel Xuereb (seduta 27.4.2018) xehed li r-raguni ghax ma kienetx tistenna li jaqblu mall-ammont li kienet taghti hija minhabba n-nies li kien ikun hemm li lanqas cans ma kien ikollhom. Hija tghid li ghalkemm l-ordni minn Mario u martu Nicole u Charles kienet biex ma jghoddux il-pouch huwa kien jghodd il-flus qabel biex tirranga l-flus iddahhal l-affarijiet puliti u b'daqshekk ma kien jaghmel xejn hazin. Huwa kellu dritt jiehu t-tips u kien jghoddhom fil-garage li kien miftuh u Nicky setghet tidhol fil-garage u ticcekjah. Hija jichad li kellu ordni biex ma jghoddx il-flus qabel ma jghaddi l-pouch bil-flus. Huwa jammetti li fl-ahhar tlett snin li kien hemm kienet inbidlet is-sistema tat-tickets fifty fifty u li kull ma kien jaghmel kien li jirrangahom stante li r-responsabilita dejjem kienet f'idejh. Mistoqsija ghaliex kien idahhal il-pouch biex jghodd il-flus meta huwa kien jaf li t-tips li kien jaqla' kienu ghalih Xuereb wiegeb li ma kienx hemm raguni. Mistoqsi ghaliex fix-xhieda precedenti tieghu huwa xehed li l-flus kien imur jghoddhom fil-karozza huwa cahad li qal dan. Huwa cahad ukoll li disghin (90) sun bed seta' jarma skond il-concession li kellha s-socjeta' ntimata u din harget l-ahhar sentejn ghax huma kienu jarmaw mall-erba mitt (400) sun bed. Mistoqsi jikkjarifika l-karti li kien izomm fosthom wahda ta' mija u hamsin (150) u ohra ta' tlett mija (300) Xuereb wiegeb li dawk ifissru n-numru ta' sodod li kellhom li kienu kollha enumerati izda li kien impossibbli ghalih li jaghmilhom b'sekwenza tan-numru hdejn xulxin. Mistoqsi ghaliex kien jenumera s-sun beds meta kellu ordni minn Nicola biex ma jaghmilx dan Xuereb wiegeb li meta dahlet tahdem Nicola s-sun beds kienu diga' enumerati. Huwa jichad li kellu ncident ma' Mario.

L-avukati tal-partijiet trattaw il-kawza.

**Ikkunsidra**

Li dan huwa kaz ta' allegat tkeccija ngusta mir-rikorrent; filwaqt li s-socjeta' ntimata tikkontendi li hija kellha ragun taghmel dan kemm minhabba li r-rikorrent naqas li jobdi l-ordnijiet tas-superjuri tieghu b'mod partikolari ta' uniformi, u tal-pouch, li kien vjolenti fid-diskors tieghu u l-argumenti li kien ikollu kemm mall-istaff kif ukoll mall-klijenti tal-istess socjeta'.   Dwar dan ir-rikorrent jikkontendi li kieku ma kellhomx fiducja fih ma kienux

jghabbuh b'aktar responsabilita tal-pouch, l-argumenti li kien ikollu mall-beach cleaners tal-Gvern kienu ghax ma kienux jaghmlu xogholhom sew, li huwa l-flus qatt ma kien jghoddhom fil-garage u li ghalhekk kien hemm zball fit-transcript, filwaqt li ghar-rigward tal-allegazzjoni li huwa uza vjolenza rapport lill-Pulizija qatt ma sar.

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda u provi kollha prodotti u anke t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u ma jistax ma jinnotax l-affidavit ulterjuri ta' Margaret Rose Frendo Direttur tas-socjeta' ntimata fejn tfahhar lir-rikorrent ghax-xoghol tieghu filwaqt li fl-ewwel affidavit taghha hija produciet dokument li juri li Xuereb kien gie akkuzat li kiser il-paci pubblika u ghamel feriti fuq impejagat tal-kumpanija Eddie Vella.

Illi d-disposizzjoni tal-artikolu 36(14) tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta, taghmilha cara li Principal jista' jillicenzja mpjegat tieghu ghal 'raguni tajba u bizzejjed' u dan bla htiega ta' preavviz u minghajr obligu ta' hlas. Minn dan tohrog ir-regola generali li tkeccija mill-impjieg ma tistax issehh hlief ghal raguna valida. Naturalment ma' din ir-regola hi akkoppjata dik ir-regola l-ohra li una volta accertata l-illegittimita tat-tkeccija lill-impjegat ghandu jinghata rizarciment f'form ta' kumpens.

Indubbjament 'ir-raguni tajba u bizzejjed' li ssemmi d-disposizzjoni tal-ligi hi kwalifikazzjoni guridika tal-kondotta tal-impjegat idoneja biex tillegittima c-cessazzjoni tar-rapport ta' mpjieg. Opportunement irid jigi registrat li l-kuncett ta' kawza gusta u valida ghat-tmiem tar-rapport ta' mpjieg hu ravvizat f'dawk il-fatti u mgibiet tali li jinducu ghat-telf ta' fiducja anke ghaliex dan hu komunement intiz bhala l-presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport. Dan dejjem b'riferiment ghall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-pozizzjoni tal-impjegat fl-azjenda, l-intensita ta' l-allegata kondotta kolpuza u ta' kwalsiasi aspett iehor korrelatat mar-rapport. Wisq logikament ukoll fejn il-fattijiet additati minn min ihaddem ghal fini ta' kawza gusta ta' licenzjalment huma multipliku mistenni li l-fatt singolari u primarju li fuqu tkun bazata t-tkeccija jigi ezaminat ma' fattijiet ohra li jitresqu 'l quddiem ghal skop ta' valutazzjoni globali tal-kondotta u l-aktar dak tal-apprezzament ahjar tal-gravita tal-fatt singolari. Dan dejjem s'intendi anke jekk ikkonsidrat izolatament l-istes fatt singolari ghandu fih certa rilevanza dixxiplinarja.

Premessa din l-esposizzjoni guridika jirrizulta mill-provi prodotti quddiem dan it-Tribunal li r-rikorrent baqa' jaghmel ta' rasu anke f'dawn il-proceduri cioe li jghodd il-pouch qabel ma jghaddi l-pouch lil min kellu jghaddih; li ma jilbes l-uniformi skond dak ordnat minnu; li jkollu argumenti mall-klijenti tal-kumpanija. Dwar fejn kien jghodd il-pouch dan it-Tribunal ma jistax jemmen lanqas lir-rikorrent meta jwahhal fi traskrizzjoni mhix korretta meta kien anke jmur jghodd il-pouch fil-karozza tieghu wkoll meta fl-istess xhieda u biex ibengilha jixhed li dan kien isir bil-kunsens tal-employer tieghu u meta jirrizulta li huwa qatt ma nghata permess imur jghodd il-pouch la fil-vettura u lanqas fil-garage qabel ma jghaddi l-pouch lil min fil-kumpanija kellu jghaddih. Veru li mall-impjegati tal-Gvern huwa seta' kellu ragun jilmenta maghhom ghax ma kienux qed jaghmlu xogholhom sew izda ma kienx xogholu jilmenta maghhom izda xogholu kien li jressaq l-ilment li kellu lill-kumpanija li kien jahdem maghha. Ir-rikorrent mill-provi prodotti jirrizulta li kien inghata hafna kunfidenza mill-kumpanija fuq il-lant tax-xoghol u meta l-kumpanija ddeciediet li ddahhal

aktar dixxiplina u aktar skrutinju fuq il-lant tax-xoghol ir-rikorrent ma kienx lest li joqghod ghal dan ghax dara bis-sistema l-antika li kollox f'idejh u kollox jiehu hsieb hu. Gara ghalhekk li l-kumpanija tilfet il-fiducja fir-rikorrent.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaghti ragun lill-kumpanija meta hija ma kinitx sodisfatta bl-operat tar-rikorrent tenut kont li huwa baqa' jaghmel ta' rasu, u ghalhekk qed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dott. Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**